Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.

Illum, 20 ta' April 2001.

Avviz Nru: 39/01

Calbros Limited

Vs

Philip D'Amato

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma komplessiva ta' seba' mija u disa' u tmenin Liri Maltin u erbatax-il centezmu (Lm789.14) rapprezentanti in kwantu ghal:

(i) hames mitt Liri Maltin (Lm500) prezz ta' hames kambjali fil-valur il-wahda ta' mitt Liri Maltin (Lm100) nnumerati minn numru 8 san-numru 12, datati lkoll 17 ta' Dicembru 1999 u lkoll accettati u debitament ffirmati minnu, liema kambjali lkoll skadew u baqghu ma thallsux (Dok A),
(ii) in kwantu ghal mitejn seba' u sebghin Liri Maltin u tlieta u sittin centezmu (Lm277.63) prezz ta' hames kambjali datati lkoll l-10 ta' Marzu 2000, nnumerati minn numru 6 san-numru 10, lkoll fil-valur ta' hamsin Liri Maltin (Lm50) hlief ghal dik innumerata bin-numru 10 li ghandha l-valur ta' seba' u sebghin Liri Maltin u tlieta u sittin centezmu (Lm77.63), kollha minnu accettati u ffirmati u kollha skaduti (Dok B), u,
(iii) in kwantu ghal hdax-il lira Maltin u wiehed u hamsin centezmu (Lm11.51) rapprezentanti l-prezz ta' oggetti (fittings) mibjugha u kkonsenjati lilu fuq inkarigu tieghu stess skond statement D082 (Dok C),
ghal liema ammont komplessiv ta' seba' mija u disa' u tmenin Liri Maltin u erbatax-il centezmu (Lm789.14) kien interpellat sabiex

ihallas diversi drabi, u minkejja dan baqa' dejjem inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut, inkluz dawk tal-Mandat ta' Qbid u Sekwestru li saru kontestwalment ma' din il-kawza, li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni, u bl-imghax kummercjali mid-data ta' l-iskadenza ta' kull kambjala fejn hu l-kaz u mid-data tal-konsenja ta' l-oggetti fil-kaz (iii), sad-data tal-pagament effettiv.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas ma deher fis-seduta tal-lum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni. Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat il-kambjali originali esebiti mill-attur u rat ukoll in-nota ta' riduzzjoni prezentata fejn l-attur irriduca s-sorte ghas-somma ta' seba' mija u erbatax-il lira u wiehed u hamsin centezmu (Lm714.51c), issib illi it-talba attrici kif ridotta hija gustifikata u timmerita konferma. U ghaldaqstant il-Qorti qieghda tilqa' t-talba attrici u qieghda tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma komplessiva kif ridotta ta' seba' mija u erbatax-il lira u wiehed u hamsin centezmu (Lm714.51c) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-imghaxijiet legali b'effett mis-17 ta' Jannar 2001.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg